**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 33 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2013 fit- 6.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

***Assenti u Skuzat***

| | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Vincent A. Galea (indispost) |

**33/01** **Talba**

**33/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.04pm billi ntqalet it-talba.

**33/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 32**

**33/02/01** Korrezzjoni f'Minuta Nru. 32/07 – Materji Oħra u Mistoqsijiet fin-numru tal-Minuta 32/06/03 li jrid jaqra 32/07/03.

Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti. Is-Sindku u s-S.E. iffirmaw il-Minuti.

**33/03** **Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 32**

**33/03/01** **Para 32/03/01:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu inġabru s'issa żewġ dokumenti tas-sejħa għall-bini ta' rampa fi Ġnien il-Paċi. Is-sejħa tagħlaq nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju 2013 f'12.00pm u tinfetaħ fl-istess jum fis-6.00pm. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex ikunu preżenti għall-ftuħ tat-*tenders*.

**33/03/02** **Para 32/03/02:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ż-żagħżugħ li ser jipparteċipa fil-*Youth in Action Project* kien staqsa jekk il-Kunsill jistax jiffinanzja parti mill-ispejjez tal-vjaġġ. Il-Kunsill unanimament qabel li jekk il-Kunsill jirċievi konferma li dan il-ħlas jista' jsir, għandu jinħareġ pagament ta' €100 meta tiġi provduta dokumentazzjoni li turi l-ispiżi totali tal-vjaġġ.

**33/03/03** **Para 32/03/03:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-affarijiet mill-garaxx ta' ħdejn it-Torri tas-Semaforu kienu tneħħew u issa jonqos biss l-affarijiet ta' ġot-torri. Is-S.E. ser tieħu ħsieb li jitneħħew dawn l-affarijiet kif ukoll li tikseb approvazzjoni finali mingħand id-Dipt. tal-Artijiet u d-Dipt għall-Gvern Lokali għall-ftehim ta' kera. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw dan il-ftehim f'isem il-Kunsill.

**33/03/04** **Para 32/03/05:-** Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-preparament għall-attivitajiet li ser jiġu organiżżati marbuta ma Jum Ħal Għargħur 2013.

Il-Kunsillier C. Fenech informa li t-trasport bir-ritorn għall-Marfa ser jiġi provdut minn Silverstar għall-prezz ta' €100.

Il-Viċi Sindku nforma li d-dawl u l-PA *system* ser jinkrew mingħand Transient Ltd u l-prezz hu l-istess bħal tas-sena l-oħra. Hu qal ukoll li ser jinkrew 150 siġġu mingħand *Jay Jay Ironmongery*. Is-S.E. intalbet sabiex toħrog l-*purchase orders* kollha. Hu ser jieħu ħsieb jippreżenta l-attivita' tas-16 ta' Lulju.

Il-Kunsillier A. Muscat informa li hu kien ser jieħu ħsieb l-attivita' tat-tfal. Miegħu ser ikun hemm żewġ *helpers*. Il-Kunsill iddeċieda li ma jaċċettax talbiet minn ġenituri sabiex jiġu mat-tfal tagħhom.

Dan kollhu ġie unanimament approvat mill-Kunsill.

**33/03/05** **Para 32/03/08:-** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li s'issa kienu daħlu 3 applikazzjonijiet mill-lista tal-kandidati li qegħdin fuq Part II tar-Reġistru tal-ETC għall-post ta' skrivan fuq Skala 15. Il-Kunsill unanimament qabel li l-*interviews* isiru nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju 2013 u jibdew fil-5pm. Il-Bord tal-Għażla ser ikun compost mis-Sindku, s-Sur Mario Gauci, il-Viċi Sindku, s-Sur Mark Azzopardi u l-Kunsillieri, s-Sinjuri Christopher Fenech u Alfred Muscat. Is-S.E. ser tkun is-Segretarja tal-Bord.

Il-Kunsill unanimament approva l-impjieg u l-ħatra tas-Sinj. Maria Tanti bħala Uffiċjali Eżekuttiv fi' Skala 13. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtoriżżati sabiex jiffirmaw il-kuntratt tax-xogħol tas-Sinj. Maria Tanti.

**33/03/06** **Para 32/03/10**:- Il-Kunsillieri Alfred Muscat informa li l-bank fi Triq 31 ta' Marzu kien weħel. Is-S.E. infurmat li kien daħal ilment dwar dan il-bank. Wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li dan l-ilment mhux ġustifikat għaliex fl-istess post qabel kien diġa hemm 2 bankijiet. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu ħsieb ikellem lil min għamel l-ilment u jispjegalu.

**33/03/07** **Para 32/03/13:-** Is-S.E. infurmat li l-ittra lid-Dipt għall-Gvern Lokali dwar it-tibdil propost għal-kisi ta' Triq Fra D. Mifsud bit-tarmak ser issir fil-jiem li ġejjin.

**33/03/08** **Para 32/03/14:-** Is-S.E. infurmat li ma kienux daħlu *objections* għall-għazla ta' M. Quip Ltd fir-rigward ta' *Tender* Nru. T-03/13-24. Is-S.E. ġiet awtorizzata sabiex toħroġ il-*Letter of Acceptance* lil M. Quip Ltd. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt ma M. Quip Ltd u li joħorgu l-*works order* ħalli jibda x-xogħol.

**33/03/09** **Para 32/03/15:-** Is-S.E. ġiet awtoriżżata sabiex toħrog il-*works order* lis-Sur J. Mula għall-*gate* ġdida fis-*Searchlight Battery*.

**33/03/10** **Para 32/05/02:-** Is-Sindku informa li issa kienet saret talba sabiex il-fanal jeħel ftit aktar il-barra filwaqt li s-sid kienet qed tirriffjuta li tħallas tal-ispejjez. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li s-S.E. għandha tikkonferma eżatt fejn ser jeħel dan il-fanal kif ukoll li ma hemm ebda oġġezzjoni mis-sid tal-propjeta' ta' fejn ser jeħel. Jekk ikun hemm ftehim, l-*electrician* għandu jintalab sabiex imexxi dan il-fanal wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Enemalta

**33/03/11** **Para 32/07/01:-** Il-Kunsill innota li x-xogħol fuq il-Ġnien tal-Ponta issa kien mexa sew. Ġie ippreċentat u innotat is-*Second Project Progress* Report. Is-S.E. intalbet sabiex dan ir-rapport jinbagħat lill-*Paying Agency* fuq il-format tagħhom kif ukoll sabiex issegwi l-ħruġ tat-tieni *Progress Payment* lill-Kuntrattur.

**33/03/12** **Para 32/07/02:-** Is-S.E. infurmat li għad ma għandiex data għall-laqgħa mal-Kapillan il-ġdid. Ser tkompli issegwi.

**33/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**33/04/01** Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendent li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Ġiet ukoll approvata unanimament l-iskeda ta' *Petty Cash*.

**33/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

**33/05/01** Ilment li s-siġar li hemm fuq *centrestrip* fi Triq ix-Xwieki qegħdin imutu peress li fil-ħamrija qed iħammġu l-klieb. Saret żjara fuq il-post flimkien mal-gardinar tal-ELC u ġie ikkonfermat li sigra waħda biss kienet f'kundizzjoni hazina iżda s-siġar l-oħra kollha jidher li m'għandhom xejn. Ġie unanimament deċiż li ma jsir xejn aktar ħlief li jekk ikollna dettalji tas-sidien tal-klieb li qed iħammġu fil-ħamrija inkellmuhom ħalli dan l-aġir jieqaf.

**33/05/02** Talba sabiex issir kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq Indipendenza. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jinvestiga din it-talba u jekk din inhu possibbli isiru l-marki tat-traffiku li normalment isiru quddiem il-garaxxijiet.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**33/05/03** Ilment minn persuna li qalet li ma għoġbitiex il-*crash barrier* li twaħħlet dan l-aħħar fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill filwaqt li jirrispetta l-opinjoni ta' din il-persuni unanimament iddeċieda li ma jagħmel xejn aktar.

**33/05/04** Żewġ ilmenti li meta jkun ir-riħ qed itir ħafna trab mill-barriera ta' Birguma li qed joħloq ħafna inkonvenjent speġjalment għar-residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq Gargallo. Jidher li minn meta ir-ramel fil-barriera qed jiġi impoġġi fuq in-naħa faċċata tar-raħal dan l-inkonvenjent żdied. Is-S.E. infurmat li dan l-ilment kien ġie mgħoddi lill-Pulizija, MEPA u lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar peress li din il-barriera qeda fil-konfini tan-Naxxar. Il-Kunsill talab li issir *site inspection* fil-barriera sabiex jiġi ikkonfermat li l-operat tal-barriera hu inkonfermi mal-permessi kif ukoll sabiex jekk inhu possibbli ir-ramel jitqiegħed f'post ieħor fejn ma jkunx espost daqshekk għar-riħ.

**33/06** **Korrispondenza**

**33/06/01** Korrispondenza mingħand il-Ministru J. Mizzi li ntbagħatet lill-Kunsilli Lokali kollha. Din ġiet innotata.

**33/06/02** Korrispondenza mingħand l-ANSEK dwar sħubija mill-Kunsilli Lokali. Ġie unanimament deċiż li din it-talba tiġi ikkunsidrata aktar il-quddiem.

**33/06/03** Korrispondenza mingħand l-HSBC Bank Malta plc u l-Bank of Valletta plc. Il-Kunsill unanimament approva li jiftaħ *Merchants' account* ma dawn iż-żewg banek kif ukoll li jagħmel l-arrangamenti meħtieġa ħalli fl-uffiċċju tal-Kunsill ikollna *EPOS machines* sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu aċċettati pagamenti bil-*cards*. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw id-dokumenti meħtieġa.

**33/06/04** Korrispondenza mill-GO plc dwar servizz ġdid tal-*voicemail*. Is-S.E. ser tieħu ħsieb li tirranġa għal dan is-servizz.

**33/06/05** Korrispondenza mingħand lis-*speaker* tal-Parlament, Dr A. Farrugia kif ukoll kopja ta' fuljett li ħareġ dan l-aħħar. Il-Kunsill unanimament approva li dan il-fuljett jitpoġġa fil-librerija pubblika.

**33/06/06** Cirkulari 41/2013 dwar konsultazzjoni mal-Kunsilli. Din ġiet innotata.

**33/06/07** Kopja ta' korrispondenza li residenta bgħatet lill-Arriva dwar inċident li inqala waqt is-servizz speċjali provdut meta kien hemm l-*Isle of MTV*. Is-S.E. infurmat li kienet segwiet ma Arriva dan l-ilment u kienet ġiet infurmata li dan kien investigat u ser jittieħdu passi dixxiplinarji kontra s-sewwieq. Is-S.E. ser tinforma lir-residenta li bħala Kunsill aħna ukoll segwejna dan l-ilment u tirringrazzja.

**33/06/08** Korrispondenza dwar sistema ġdida sabiex permessi ikunu jistgħu jinħargu *online*. Din ġiet innutata mill-Kunsill.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**33/06/09** Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet għall-iżvilupp. Dawn ġew innotati.

**33/07** **Materji Oħra u Mistoqsijiet**

**33/07/01** Il-Kunsill ingħata dettalji dwar attivita' li s-Sur R. Attard ser jorganizza fi Triq San Bartilmew fil-10 t'Awissu. Din it-triq ser tingħalaq bejn il-11am u l-11pm. Il-Kunsill unanimament qabel li joħrog in-*No Objection* tiegħu għal din l-attivita'. Aktar dettalji jingħataw fil-jiem li ġejjin.

**33/07/02** Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareg il-*purchase order* għat-twaħħil ta' *crash barrier* li għadha pendenti. Il-Kunsill qabel ukoll li fi Triq il-Ġnien faċċata ta' Triq Caravaggio jitwaħħlu tabelli sabiex jiggwidaw it-traffiku.

**33/07/03** Il-Kunsillier C. Fenech fakkar li għad hemm xi kotba ġodda li għad iridu jitpoġġew fil-librerija pubblika. Is-S.E. infurmat li dawn jitpoġġew wara li jkunu ġew reġistrati mal-librerija nazzjonali.

**33/08** **Aġġornament**

**33/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.45pm wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar l-Erbgha, 17 ta' Lulju 2013 fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **17 Lulju 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |